



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.10.2011
KUMM(2011) 637 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla

{SEG(2011) 1172 finali}
{SEG(2011) 1173 finali}

WERREJ

1.	Tnaqqis tal-faqar f'dinja li qiegħda tinbidel rapidament	3
2.	Drittijiet tal-bniedem, demokrazija u elementi ewlenin oħrajn ta' governanza tajba...	5
3.	Tkabbir inklussiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem.....	7
3.1.	Il-protezzjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjiegi	8
3.2.	Ambjent tan-negozju, integrazzjoni reġjonali u swieq globali	8
3.3.	L-Agrikoltura sostenibbli u l-enerġija.....	9
4.	Sħubijiet differenzjati għall-iżvilupp	10
5.	Azzjoni kkoordinata tal-UE	11
6.	Koerenza mtejba fost il-politiki tal-UE.....	12
7.	Tħaddin tal-Aġenda għall-Bidla.....	12

1. TNAQQIS TAL-FAQAR F'DINJA LI QIEGĦDA TINBIDEL RAPIDAMENT

F'mument kritiku – filwaqt li qiegħda taffaċċja sfidi globali ġodda, qrib il-mira tal-2015 għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) u f'nofs it-tħejjijiet għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) li jmiss - l-UE trid tagħżel it-taħlita t-tajba tal-politiki, tal-għodod u tar-riżorsi biex tkun effettiva u effiċjenti fil-ġlieda kontra l-faqar fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi Aġenda għall-Bidla biex issaħħaħ is-solidarjetà tal-Ewropa man-nazzjonijiet tad-dinja li qegħdin jiżviluppaw f'din il-ġlieda kontra l-faqar.

Kif jiddikjara t-Trattat ta' Lisbona, l-appoġġ lill-isforzi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jinqered il-faqar huwa l-għan ewlieni tal-politika għall-iżvilupp u prijorità għall-azzjoni esterna tal-UE bħala appoġġ għall-interessi tal-UE għal dinja stabbli u b'aktar ġid. Il-politika għall-iżvilupp tgħin ukoll tindirizza sfidi globali oħrajn u tikkontribwixxi għall-Istrateġija UE-2020.

L-UE diġà ħadmet ħafna biex tgħin biex jitnaqqas il-faqar u b'mod partikolari biex tappoġġa l-kisba tal-MDGs. Iżda l-faqar estrem għadu jippersisti f'bosta partijiet tad-dinja. Serje ta' **xokkijiet globali** ħallew bosta pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fi stat ta' vulnerabbiltà. Hekk kif il-popolazzjoni tad-dinja qiegħda tkompli tikber, tinħtieġ aktar azzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi globali bħall-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sigurtà, il-protezzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima, u biex jitwasslu beni pubbliċi globali bħas-sigurtà tal-ikel, l-aċċess għall-ilma u għas-sanità, is-sigurtà tal-enerġija u l-migrazzjoni.

Sadanittant, movimenti mmexxija mill-poplu fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani enfasizzaw li progress tajjeb fuq l-MDGs huwa essenzjali, iżda mhux biżżejjed. Dan iwassal għal żewġ konklużjonijiet: l-ewwel, **li l-għanijiet tal-iżvilupp, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u s-sigurtà huma marbutin ma' xulxin;** it-tieni, li huwa **kritiku li s-soċjetajiet joffru futur liż-żgħażaġh.**

Il-politika tal-UE għall-iżvilupp trid tqis id-differenzazzjoni miżjuda bejn il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Riċentement, **bosta pajjiżi sħab saru donaturi fihom infushom, filwaqt li oħrajn qegħdin jaffaċċjaw fraġilità li qiegħda tizzied.** L-UE issa trid tesplora modi ġodda biex taħdem magħhom u tippromwovi aġenda tal-iżvilupp internazzjonali aktar inklussiva.

Hemm ukoll potenzjal għall-UE biex taħdem aktar mill-qrib **mas-settur privat, mal-fondazzjonijiet, mas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali** hekk kif ir-rwol tagħhom fl-iżvilupp jikber.

Fil-livell tal-UE, **it-Trattat ta' Lisbona ankra fis-sod il-politika għall-iżvilupp fl-azzjoni esterna tal-UE.** Il-ħolqien tal-kariga ta' Rappreżentant Għoli/Viċi-President (RG/VP), assistita mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), toffri opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni għall-iżvilupp aktar effettiva u tfassil ta' politika aktar integrat.

L-UE mhijiex sempliċiment it-28 donatur Ewropew. Filwaqt li l-Kummissjoni timplimenta 20 % tal-isforz kollettiv tal-għajnuna tal-UE, hija taġixxi wkoll biex tikkoordina, tlaqqa' u tfassal il-politika. L-UE hija sieħba kummerċjali u ekonomika, u d-djalogu politiku tagħha, il-politika tas-sigurtà u bosta politiki oħrajn – mill-kummerċ, l-agrikoltura u s-sajd sal-ambjent, il-klima, l-enerġija u l-migrazzjoni - għandhom impatt qawwi fuq il-pajjiżi li qegħdin

jiżviluppaw. Trid **tittraduċi dan ir-rwol multidimensjonali f'taħlitiet differenti ta' politiki adattati għal kull pajjiż imsieħeb**. Biex ikunu għal kollox effettivi, l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jtkellmu u jaġixxu bħala entità waħda biex jiksbu riżultati aħjar u biex itejbu l-viżibilità tal-UE.

Iż-żminijiet diffiċli ekonomiċi u baġitarji jagħmluha saħansitra aktar kritika li jiġi żgurat **li l-ghajjnuna tintefaġ b'mod effettiv, tagħti l-aħjar riżultati possibbli u tintuża biex isservi ta' lieva għal aktar finanzjament għall-iżvilupp**.

B'dan il-kuntest il-ġdid f'moħha, fl-2010 l-Kummissjoni varat konsultazzjoni dwar il-politika tal-UE għall-iżvilupp¹. Din ikkonfermat ir-rilevanza tal-qafas ta' politika eżistenti, filwaqt li qablet dwar il-ħtieġa li jiżdied l-impatt.

Huma meħtieġa tibdiliet f'għadd ta' direzzjonijiet. B'mod partikolari, l-UE trid tfitx li tiffoka l-offerta tagħha lill-pajjiżi sħab fejn jista' jkollha l-akbar impatt u għandha tikkonċentra l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha biex tappoġġa:

- **id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-elementi ewlenin oħrajn ta' governanza tajba;**
- **it-tkabbir inklussiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem.**

Biex jiġi żgurat l-aħjar valur għall-flus, din għandha tiġi akkumpanjata minn:

- **sħubijiet għall-iżvilupp differenzjati;**
- **azzjoni kkoordinata tal-UE;**
- **koerenza mtejba fost il-politiki tal-UE.**

Il-Kummissjoni tipproponi Aġenda għall-Bidla li tista' twassal għal:

- sehem akbar tal-programmi ta' kooperazzjoni tal-pajjiżi u reġjonali tal-UE dedikati għall-prijoritajiet ta' politika mogħtija fit-taqsimiet 2 u 3 hawn taħt;
- il-konċentrazzjoni tal-attivitajiet tal-UE f'kull pajjiż fuq massimu ta' tliet setturi;
- żieda fil-volum u fis-sehem tal-ghajjnuna mill-UE lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn u fejn l-UE jista' jkollha impatt reali, inkluż stati fraġli;
- importanza msaħħa tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tax-xejriet tal-governanza tajba fid-determinazzjoni tat-taħlita ta' strumenti u ta' modalitajiet tal-ghajjnuna fuq il-livell tal-pajjiż;
- appoġġ kontinwu għall-inklużjoni soċjali u għall-iżvilupp tal-bniedem permezz ta' mill-inqas 20 % tal-ghajjnuna tal-UE;
- konċentrazzjoni akbar fl-investment favur fatturi għal tkabbir ekonomiku inklussiv u sostenibbli, li jipprovdu s-sintra tal-isforzi biex jitnaqqas il-faqar;
- sehem ogħla tal-ghajjnuna tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji innovattivi, inklużi faċilitajiet li jgħaqqdu l-għotjiet u s-self;
- konċentrazzjoni fuq l-ghajjnuna lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jitnaqqas l-espożizzjoni tagħhom għax-xokkijiet globali bħat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni

¹ COM(2010)629 http://ec.europa.eu/europeaid/how/public-consultations/5241_en.htm

tal-ekosistema u tar-riżorsi, u prezzijiet volatili u li qegħdin jogħlew tal-enerġija u tal-agrikoltura, permezz ta' konċentrazzjoni fuq l-investment fl-agrikoltura sostenibbli u fl-enerġija;

- indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà, tal-fraġilità u tat-tranżizzjoni;
- strateġiji ta' reazzjoni konġunti bejn l-UE u l-Istati Membri bbażati fuq strateġiji ta' żvilupp proprji tal-imsieħba, bi tqassim settorjali tal-kompiti;
- qafas komuni tal-UE għall-irrapportar tar-riżultati;
- Politika mtejba ta' Koerenza għall-Iżvilupp, inkluż permezz tal-programmi tematiċi ġodda li jibnu sinerġiji bejn l-interessi globali u l-qerda tal-faqar.

L-**Aġenda għall-Bidla** proposta ma għandhiex il-għan li tikteb mill-ġdid il-prinċipji bażiċi tal-politika. Kif stabbilit fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp², **il-mira kumplessiva tal-UE sabiex jinqered il-faqar fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli mhux se tiddgħajef**. L-impenji tal-UE dwar il-finanzjament għall-iżvilupp, il-kisba tal-MDG u l-effettività tal-għajnuna tibqa' soda, kif jibqgħu wkoll l-ambizzjonijiet tagħha bħala mexxej politiku u donatur ewlieni.

L-istrateġiji tal-iżvilupp immexxija mill-pajjiż imsieħeb se jkomplu jfasslu l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE skont il-prinċipji ta' **sjieda u sħubija**. L-UE qiegħda tfittex **involvement reċiproku akbar** mal-pajjiżi sħab tagħha, inkluż ir-responsabbiltà reċiproka għar-riżultati. **Djalogu fuq il-livell tal-pajjiż fi ħdan qafas koordinat ta' donaturi** għandu jiddetermina eżattament fejn u kif tintervjeni l-UE . Se tiġi segwita wkoll kollaborazzjoni aktar effettiva fi ħdan is-sistema multilaterali .

2. DRITTIJET TAL-BNIEDEM, DEMOKRAZIJA U ELEMENTI EWLENIN OĦRAJN TA' GOVERNANZA TAJBA

Governanza tajba, fit-termini politiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha, hija vitali għall-iżvilupp inklusiv u sostenibbli. **L-appoġġ tal-UE għall-governanza għandu jidher b'aktar prominenza fis-sħubijiet kollha**, b'mod speċjali permezz ta' inċentivi għal riforma orjentata lejn ir-riżultati u enfasi fuq l-impenji tal-imsieħba favur **id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt** u li jiġu ssodisfati t-talbiet u l-ħtiġijiet tan-nies tagħhom.

Billi l-progress fit-tul jista' jitmexxa biss minn forzi interni, se jiġi segwit **approċċ iċċentrat fuq id-djalogu politiku** u ta' politika mal-partijiet interessati kollha. **It-taħlita u l-livell tal-għajnuna se jiddependu fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż, inkluża l-abbiltà tiegħu biex iwettaq riformi**.

L-appoġġ għall-governanza jista' jieħu l-forma ta' programmi jew interventi msejsa fuq proġetti biex jappoġġaw l-atturi u l-proċessi fuq il-livell lokali, nazzjonali u settorjali. **Appoġġ baġitarju ġenerali tal-UE għandu jkun marbut mas-sitwazzjoni ta' governanza u mad-djalogu politiku mal-pajjiż imsieħeb**, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri³.

Jekk pajjiż inaqqas l-impenn tiegħu lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-UE għandha ssaħħaħ il-koperazzjoni tagħha **mal-atturi mhux statali u mal-awtoritajiet lokali** u tuża forom ta' għajnuna li jipprovdu lill-foqra bl-appoġġ li jkollhom bżonn. Fl-istess ħin, l-UE

² 2006/C 46/01.

³ COM(2011) 638.

għandha żżomm djalogu mal-gvernijiet u mal-atturi mhux statali. F'xi każijiet, **kondizzjonalità aktar stretta** se tiġi ġġustifikata.

Il-konċentrazzjoni fuq ir-riżultati u r-responsabbiltà reċiproka ma tfissirx li l-UE se tinjora **s-sitwazzjonijiet fraġli** fejn l-impatt huwa aktar bil-mod jew aktar diffiċli biex jitkejjel. L-UE għandha taħdem biex tgħin lill-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità biex jistabbilixxu l-funzjonament u l-istituzzjonijiet responsabbli li jagħtu servizzi bażiċi u li jappoġġjaw it-tnaqqis tal-faqar. Se jittieħdu deċiżjonijiet biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju lil tali pajjiżi fuq bażi ta' każ b'każ, li jiżnu l-benefiċċji, il-kostijiet u r-riskji.

L-azzjoni tal-UE għandha tiffoka fuq:

- **Id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.** L-UE għandha tkompli tappoġġa d-demokratizzazzjoni, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet, il-libertà tal-midja u l-aċċess għall-internet, il-protezzjoni tal-minoranzi, l-istat tad-dritt u sistemi ġudizzjarji fil-pajjiżi msieħba.
- **L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa** bħala atturi għall-iżvilupp u ħaddiema għall-paċi⁴ se jiġu integrati fil-politiki u fil-programmi kollha tal-UE għall-iżvilupp permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sessi tal-2010.
- **Il-ġestjoni tas-settur pubbliku** għal servizz aħjar ta' twettiq. L-UE għandha tappoġġa programmi nazzjonali biex itejbu l-formulazzjoni tal-politika, il-ġestjoni finanzjarja pubblika, inklużi t-twaqqif u t-tiħiħ ta' korpi u miżuri ta' awditjar, kontroll u kontra l-frodi, u żvilupp istituzzjonali, inkluż l-immaniġjar tar-riżorsi umani. Ir-riforma domestika u l-politiki fiskali favur il-foqra huma vitali.
- **Il-politika u l-amministrazzjoni fiskali.** L-UE se tkompli tipromwovi sistemi fiskali nazzjonali ġusti u trasparenti fil-programmi tagħha tal-pajjiż, skont il-prinċipji tal-UE għal governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, flimkien ma' inizjattivi internazzjonali u rappurtar pajjiż b'pajjiż biex tiżdied it-trasparenza finanzjarja.
- **Il-korruzzjoni.** L-UE għandha tgħin lill-pajjiżi sħab tagħha biex jindirizzaw il-korruzzjoni permezz programmi ta' governanza li jappoġġaw il-promozzjoni, is-sensibilizzazzjoni u r-rappurtar u jżidu l-kapaċità tal-korpi tal-kontroll u tas-sorveljanza u l-ġudikatura.
- **Is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali.** Filwaqt li tibni fuq 'Djalogu Strutturati'⁵, l-UE għandha ssaħħaħ ir-rabtiet tagħha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-iżjed soċjali u mal-awtoritajiet lokali, permezz ta' djalogu regolari u l-użu tal-aħjar prattiki. Għandha tappoġġa l-ħolqien ta' **soċjetà ċivili lokali** organizzata kapaċi taġixxi bħala għassies u sieħeb fi djalogu mal-gvernijiet nazzjonali. L-UE għandha tqis modi kif **timmobilizza l-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali**, pereżempju permezz ta' networks ta' eċċellenza jew eżerċizzji ta' ġemellaġġ.
- **Ir-riżorsi naturali.** L-UE għandha żżid l-appoġġ tagħha għall-proċessi u korpi ta' sorveljanza u tkompli tappoġġa riformi ta' governanza li jipromwovu l-ġestjoni

⁴ SEC(2010) 265 finali.

⁵ http://ec.europa.eu/europeaid/who/partners/civil-society/structured-dialogue_en.htm

sostenibbli u trasparenti ta' riżorsi naturali, inklużi materja prima u riżorsi marittimi, u tas-servizzi tal-ekosistemi, b'attenzjoni partikolari għad-dipendenza fuqhom mill-fotra, b'mod speċjali azjendi agrikoli żgħar .

- **Ir-rabta żvilupp-sigurtà.** L-UE għandha tiżgura li l-għanijiet tagħha fl-oqsma tal-politika għall-iżvilupp, tal-bini tal-paċi, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tas-sigurtà internazzjonali (inkluż is-sigurtà ċibernetika) jirrinforzaw lil xulxin. Għandha tiffinalizza u timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni mitlub dwar is-sigurtà, il-fraġilità u l-iżvilupp⁶.

3. TKABBIR INKLUSSIV U SOSTENIBBLI GĦALL-IŻVILUPP TAL-BNIEDEM

It-tkabbir ekonomiku inklussiv u sostenibbli huwa kruċjali għat-tnaqqis fit-tul tal-faqar u *x-xejriet* ta' tkabbir huma importanti daqs *ir-rati* ta' tkabbir. Għal dan il-għan, l-UE għandha tteġġeg aktar tkabbir inklussiv, ikkaratterizzat **mill-ħila tal-persuni biex jipparteċipaw fi, u jibbenefikaw minn, ġid u ħolqien tax-xogħol**. Hija vitali l-promozzjoni tax-xogħol deċenti li tkopri l-ħolqien tax-xogħol, il-garanzija tad-drittijiet fuq il-post tax-xogħol, il-ħarsien soċjali u d-djalogu soċjali.

L-iżvilupp mhuwiex sostenibbli **jekk dan jagħmel ħsara lill-ambjent, lill-bijodiversità u lir-riżorsi naturali u jżid l-espożizzjoni/il-vulnerabbiltà għad-diżastri naturali**. Il-politika tal-UE għall-iżvilupp għandha tippromwovi “ekonomija ekoloġika” li tista’ tiġġenera tkabbir, toħloq ix-xogħol u tgħin biex jitnaqqas il-faqar billi tivvaluta u tinvesti fil-kapital naturali⁷, inkluż permezz tal-appoġġ għall-opportunitajiet tas-suq għal teknoloġiji aktar nodfa, użu effiċjenti tal-enerġija u tar-riżorsi, żvilupp b'livell baxx ta' emissjoni tal-karbonju filwaqt li tistimola l-innovazzjoni, l-użu tal-ICT, u tnaqqas l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi naturali. Għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tar-reżiljenza tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fir-rigward tal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima.

L-atturi pubbliċi għandhom joħolqu sħubijiet ma' kumpaniji privati, komunitajiet lokali u soċjetà ċivili. **Ir-responsabbiltà soċjali korporattiva** fil-livell internazzjonali u nazzjonali tista' tgħin biex jiġi evitat li jitnaqqas il-livell tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istandards internazzjonali soċjali u ambjentali u biex ikun hemm promozzjoni ta' mgħiba kummerċjali responsabbli konsistenti ma' strumenti rikonoxxuti internazzjonalment.

L-UE għandha tiffoka l-appoġġ tagħha għal tkabbir inklussiv u sostenibbli fuq:

- dawk is-setturi li jibnu l-pedamenti għal tkabbir u jgħinu jiżguraw li jkunu inklussivi, b'mod speċjali **l-ħarsien soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni**;
- il-vetturi faċilitattivi għal tkabbir inklussiv u sostenibbli, b'mod speċjali **ambjent aktar b'saħħtu tan-negozju u integrazzjoni reġjonali aktar profonda**;
- dawk is-setturi li jkollhom impatt multiplikatur qawwi fuq l-ekonomiji tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li jikkontribwixxu għall-ħarsien ambjentali, il-prevenzjoni u l-

⁶ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 14919/07 u 15118/07.

⁷ COM(2011) 363 finali.

adattament fit-tibdil fil-klima, b'mod speċjali fl-**agrikoltura sostenibbli u fl-enerġija**.

3.1. Il-protezzjoni soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjiegi

L-UE għandha tiegħu **approċċ aktar komprensiv lejn l-iżvilupp tal-bniedem**. Dan jinvolvi l-appoġġ għal poplu b'saħħtu u b'edukazzjoni tajba, li jagħti lill-forza tax-xogħol il-ħiliet li twieġeb għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, tiżviluppa l-ħarsien soċjali, u jnaqqas l-inugwaljanza tal-opportunità.

L-UE għandha tappoġġa riformi fis-settur li jżidu l-aċċess għal servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni ta' kwalità u jssaħħu l-kapaċitajiet lokali biex jirreaġixxu għall-isfidi globali. L-UE għandha tuża l-firxa tagħha ta' strumenti ta' għajjnuna, b'mod speċjali "**kuntratti għar-riforma tas-settur**" bi djalogu politiku intensifikat.

L-UE għandha tiegħu azzjoni biex tiżviluppa u ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, tnaqqas l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, tippromwovi l-koerenza tal-politika u żżid il-protezzjoni kontra t-treddid tas-saħħa globali sabiex **jitjiebu r-riżultati tas-saħħa** għall-kulħadd.

L-UE għandha ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għal **edukazzjoni ta' kwalità** biex tagħti liż-żgħażaġh l-għarfien u l-ħiliet biex ikunu membri attivi f'soċjetà li qiegħda dejjem tevolvi. Permezz tal-bini ta' kapaċità u l-iskambju tal-għarfien, l-UE għandha tappoġġa t-taħriġ vokazzjonali għall-**impjegabbiltà** u għall-kapaċità biex twettaq ir-riċerka u tuża r-riżultati tagħha.

L-UE għandha tappoġġa l-**aġenda tax-xogħol deċenti, l-iskemi tal-protezzjoni soċjali u ta' garanziji minimi u tinkuraġġixxi** politiki li jiffaċilitaw il-**mobbiltà reġjonali tax-xogħol**. L-UE se tappoġġa sforzi mmirati biex tisfrutta b'mod sħiħ l-interrelazzjoni bejn il-migrazzjoni, il-mobbiltà u l-impjieg.

3.2. Ambjent tan-negozju, integrazzjoni reġjonali u swieq globali

It-tkabbir ekonomiku għandu bżonn ta' ambjent favorevoli għan-negozju. L-UE għandha tappoġġa l-iżvilupp tas-**setturi privati lokali kompettivi** inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità lokali istituzzjonali u kummerċjali, tippromwovi l-SMEs u l-kooperattivi, tappoġġa riformi tal-qafas leġiżlattivi u regolatorju u l-infurzar tagħhom (inkluż għall-użu ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bħala għodda biex tappoġġa t-tkabbir fis-setturi kollha), tiffaċilita l-aċċess għal servizzi kummerċjali u finanzjarji u tippromwovi l-politiki agrikoli, industrijali u ta' innovazzjoni. Dan se jippermetti wkoll lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b'mod speċjali l-ifqar pajjiżi, biex jużaw l-opportunitajiet offrti mis-**swieq integrati globalment**. L-għajjnuna għall-Kummerċ u l-iffaċilitar tal-kummerċ aħjar u aktar immirati jridu jakkumpanjaw dawn l-isforzi.

Bl-istess mod, l-attirar u ż-żamma ta' **investiment sostanzjali privat domestiku u barrani u t-titjib tal-infrastruttura** huma kruċjali għas-suċċess tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. L-UE għandha tiżviluppa **modi ġodda ta' involviment tas-settur privat**, b'mod speċjali bil-ħsieb li tistimola attività tas-settur privat u riżorsi li jipprovdu prodotti pubbliċi. Għandha tesplora l-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tar-riskju u tagħti finanzjament bil-quddiem biex tikkatalizza sħubijiet pubbliċi-privati u investiment privat. L-UE għandha tinvesti biss fl-infrastruttura, fejn is-settur privat ma jistax jagħmel hekk fuq termini kummerċjali.

L-UE se tkompli tiżviluppa mekkaniżmi ta' kooperazzjoni biex tagħti spinta lir-riżorsi finanzjarji għall-iżvilupp, tibni fuq esperjenzi ta' suċċess bħall-faċilitajiet Ewropej għall-Investment jew lill-Fond Fiduċjarju ta' bejn l-UE u l-Afrika għall-infrastruttura. F'setturi u pajjiżi magħżula, **persentaġġ ogħla tar-riżorsi tal-UE għall-iżvilupp għandhom jiġu użati permezz ta' strumenti finanzjarji eżistenti jew ġodda, bħall-għaqda tal-għotjiet u tas-self u mekkaniżmi oħrajn tal-kondiviżjoni tar-riskju, sabiex jiġu attratti aktar riżorsi u għaldaqstant jiżdied l-impatt.** Dan il-proċess għandu jiġi appoġġat minn pjattaforma tal-UE għall-Kooperazzjoni u għall-Iżvilupp li tinkorpora l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej.

L-iżvilupp u l-integrazzjoni reġjonali jistgħu jstimolaw il-kummerċ u l-investment u jrawmu l-paċi u l-istabbiltà. L-UE għandha tappoġġa l-isforzi għall-integrazzjoni reġjonali u kontinentali (inklużi l-inizjattivi Nofsinar-Nofsinar) permezz tal-politiki tal-imsieħba f'oqsma bħas-swieq, l-infrastruttura u l-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma, l-enerġija u s-sigurtà. Se jiġi offrut appoġġ biex jiġu indirizzati l-lakuni tal-kompetittività, bħala parti mill-**Għajjuna għall-Attivitajiet tal-Kummerċ u tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika tal-UE** li qegħdin dejjem jikbru u li huma sostanzjali u **ftehimiet oħrajn ta' kummerċ ħieles** ma' reġjuni li qegħdin jiżviluppaw.

3.3. L-Agricoltura sostenibbli u l-enerġija

L-UE għandha tuża l-appoġġ tagħha fl-agricoltura u fl-enerġija biex tgħin tiżola lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw minn xokkijiet (bħall-iskarsezza tar-riżorsi u l-provvista u bħall-volatilità tal-prezzijiet) u għalhekk tgħin tipprovi l-pedamenti għal tkabbir sostenibbli. Għandha tindirizza l-inugwaljanzi, b'mod partikolari biex tagħti lin-nies foqra aċċess aħjar għall-art, l-ikel, l-ilma u l-enerġija mingħajr ma ssir ħsara għall-ambjent.

Fl-agricoltura, l-UE għandha tappoġġa Prattiki sostenibbli, inklużi l-issalvagwardjar tas-servizzi tal-ekosistemi, tagħti prijorità lill-prattiki żviluppanti lokalment u tiffoka fuq l-agricoltura ta' skala żgħira u l-għajxien rurali, il-formazzjoni ta' gruppi ta' produttori, ta' katina għall-fornitura u għall-kummerċjalizzazzjoni u l-isforzi tal-gvern biex jiffaċilita investment privat responsabbli. L-UE se tkompli taħdem biex issaħħaħ l-istandards nutrittivi, il-governanza tas-sigurtà tal-ikel u tnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel fuq livell internazzjonali.

Fl-enerġija, l-UE għandha toffri t-teknoloġija u l-għarfien espert kif ukoll fondi għall-iżvilupp, u għandha tiffoka fuq tliet sfidi ewlenin: il-volatilità tal-prezzijiet u s-sigurtà tal-enerġija; it-tibdil fil-klima, inkluż l-aċċess għal teknoloġiji b'livell baxx tal-emissjoni tal-karbonju; u aċċess għal servizzi sikuri, bi prezz raġonevoli, ta' enerġija nadifa u sostenibbli⁸.

Fiż-żewġ setturi, l-UE għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità u t-trasferiment tat-teknoloġija, inkluż fi strateġiji ta' adattament u mitigazzjoni tal-klima.

L-UE qiegħda tfittex għal sħubijiet fit-tul ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ibbażati fuq responsabbiltà reċiproka.

⁸ Filwaqt li jitqiesu l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa bħall-Grupp ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Enerġija Sostenibbli għal kulħadd.

4. SHUBIJET DIFFERENZJATI GĦALL-IŻVILUPP

L-UE trid tfittex li **tiffoka r-riżorsi tagħha fejn huma meħtieġa l-aktar biex tindirizza t-tnaqqis tal-faqar u fejn jistgħu jkollhom l-akbar impatt.**

Għajna bbażata fuq l-għoti m'għandhiex tidher fil-kooperazzjoni ġeografika ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw aktar avvanzati li diġà qegħdin fuq perkorsi appoġġati ta' tkabbir u/jew kapaċi jiġġeneraw biżżejjed riżorsi proprji. Min-naħa l-oħra, ħafna pajjiżi oħrajn jibqgħu jiddependu ħafna fuq appoġġ estern sabiex jipprovdu servizzi bażiċi lill-poplu tagħhom. Fiż-żona intermedja, hemm firxa ta' sitwazzjonijiet li jeħtieġu taħlitiet ta' politiki u arranġamenti ta' kooperazzjoni differenti. **Approċċ differenzjat tal-UE għall-allokazzjoni tal-għajna u għas-sħubijiet** huwa għalhekk essenzjali biex jintlaħaq il-livell massimu ta' impatt u ta' valur għall-flus.

L-UE għandha tkompli tirrikonoxxi l-importanza partikolari ta' appoġġ għall-iżvilupp fil-**vicinat⁹** tagħha stess u fl-**Afrika sub-Saharjana¹⁰**. Għandha, fir-reġjuni kollha, talloka aktar fondi milli kienet tagħmel fil-passat lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, inkluż stati fraġli.

Aktar preċiżament, l-assistenza tal-UE għall-iżvilupp għandha tkun allokata skont:

- **Il-ħtiġijiet tal-pajjiż:** ivvalutati bl-użu ta' diversi indikaturi, filwaqt li jitqiesu, *inter alia*, ix-xejriet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali/uman u l-perkors tat-tkabbir u kif ukoll l-indikaturi ta' vulnerabbiltà u fraġilità.
- **Il-kapaċitajiet:** ivvalutati skont l-abbiltà tal-pajjiż li jiġġenera biżżejjed riżorsi finanzjarji, b'mod speċjali riżorsi domestiċi, u l-aċċess tiegħu għal sorsi oħrajn ta' finanzjament bħal swieq internazzjonali, investiment privat jew riżorsi naturali. Għandhom jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet ta' assorbiment.
- **L-impenji u l-prestazzjoni tal-pajjiż:** għandu jitqies b'mod pożittiv l-investiment tal-pajjiż fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fil-protezzjoni soċjali, il-progress tiegħu fuq l-ambjent, id-demokrazija u l-governanza tajba, u s-solidità tal-politiki ekonomiċi u fiskali tiegħu, inkluża l-ġestjoni finanzjarja.
- **L-impatt potenzjali tal-UE:** ivvalutat permezz żewġ għanijiet trażversali:
 - (1) Iż-żieda tal-limitu sa fejn il-kooperazzjoni tal-UE tista' **tippromwovi u tappoġġa riformi politiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali** fil-pajjiżi msieħba;
 - (2) Iż-żieda tal-**effett ta' lieva** li l-għajna tal-UE jista' jkollha fuq sorsi oħrajn ta' finanzjament għall-iżvilupp, b'mod partikolari l-investiment privat.

Permezz ta' **djalogu komprensiv politiku u ta' politika** mal-pajjiżi sħab kollha, l-UE għandha tiddefinixxi l-aktar forma xierqa ta' kooperazzjoni, li twassal għal deċiżjonijiet infurmati u oġġettivi dwar l-aktar taħlita ta' politiki effettiva, livelli ta' għajna, arranġamenti

⁹ COM(2011) 303.

¹⁰ Inkluż permezz l-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika.

ta' għajnuna u l-użu tal-għodod finanzjarji eżistenti u ġodda, u tibni fuq l-esperjenza proprja tal-UE fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni.

Għal ċerti pajjiżi dan jista' jirriżulta f'inqas jew fl-ebda għoti ta' għajnuna tal-UE għall-iżvilupp u l-għażla ta' **relazzjoni ta' żvilupp differenti** bbażata fuq self, kooperazzjoni teknika jew appoġġ għall-kooperazzjoni trilateral.

F'sitwazzjonijiet ta' fraġilità, għandhom jiġu definiti forom speċifiċi ta' appoġġ li jippermettu l-irkupru u r-reżiljenza, b'mod speċjali permezz ta' koordinazzjoni mill-qrib mal-komunità internazzjonali u artikolazzjoni tajba mal-attivitajiet umanitarji. L-għan għandu jkun li tiġi massimizzata sjiċda nazzjonali kemm fuq il-livell tal-istat kif ukoll fuq dak lokali sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà u jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi fuq perjodu qasir, filwaqt li fl-istess ħin tissaħħaħ il-governanza, il-kapaċità u t-tkabbir ekonomiku, filwaqt li l-bini tal-istat jinżamm bħala element ċentrali.

Dan il-proċess ta' teħid tad-deċizzjonijiet ibbażat fuq il-pajjiż għandu jagħti lill-UE l-**flessibbiltà** biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija, b'mod speċjali dawk naturali jew ikkaġunati mill-bniedem .

5. AZZJONI KKOORDINATA TAL-UE

Il-frammentazzjoni u l-proliferazzjoni tal-għajnuna xorta għandhom mifruxa u qegħdin anke jżiedu, minkejja sforzi reċenti konsiderevoli biex jiġu kkoordinati u armonizzati l-attivitajiet tad-donaturi. L-UE għandha tiegħu rwol ta' tmexxija aktar attiv, kif awtorizzat mit-Trattat ta' Lisbona, u tressaq proposti biex tagħmel l-għajnuna Ewropea aktar effettiva.

L-iprogrammar konġunt tal-għajnuna tal-UE u tal-Istati Membri għandu jnaqqas il-frammentazzjoni u jżid l-impatt tiegħu proporzjonalment mal-livelli ta' impenn. L-għan huwa għal proċess ta' pprogrammar simplifikat u aktar mgħaġġel, li jitwettaq prinċipalment fuq il-post.

Fejn il-pajjiż imsieħeb ikun fassal l-istrateġija propja tiegħu, l-UE għandha tappoġġha billi tiżviluppa, kull fejn ikun possibbli, **dokumenti konġunti ta' programmar multiannwali** mal-Istati Membri. Fejn il-pajjiż imsieħeb ma jkunx għamel dan, l-UE se taħdem biex tiżviluppa strateġija konġunta mal-Istati Membri.

Dan il-proċess jista' jirriżulta **f'dokument ta' pprogrammar konġunt wieħed** li għandu jindika **t-tqassim settorjali tax-xogħol** u l-allokazzjonijiet finanzjarji għal kull settur u donatur. L-UE u l-Istati Membri għandhom isegwu d-dokument meta jfasslu l-pjanijiet ta' implimentazzjoni bilaterali tagħhom. Il-parteciċipazzjoni għandha tinfetaħ għal donaturi mhux mill-UE impenjati għall-proċess f'pajjiż speċifiku.

Biex tissaħħaħ is-sjiċda tal-pajjiżi, fejn huwa possibbli **l-iprogrammar konġunt għandu jiġi sinkronizzat maċ-ċikli tal-istrateġija tal-pajjiżi msieħba**.

F'sens ta' operat, l-UE u l-Istati Membri għandhom jużaw il-modalitajiet tal-għajnuna li jiffaċilitaw l-azzjoni konġunta **bħall-appoġġ baġitarju (taħt 'kuntratt wieħed tal-UE')**, il-**fondi fiduċjarji tal-UE u l-kooperazzjoni ddelegata**.

Rigward it-tqassim tax-xogħol transkonfinali, il-Kummissjoni tinkoraġixxi lill-Istati Membri kollha biex ikunu aktar trasparenti meta jidħlu jew joħorġu, f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar t-Tqassim tax-Xogħol¹¹. Hemm bżonn ta' **approċċ koordinat**, inkluż **mekkaniżmu ta' koordinazzjoni għat-tqassim tax-xogħol transkonfinali**.

L-UE għandha tiżviluppa **qafas komuni għall-kejl u għall-ikkomunikar tar-riżultati** tal-politika għall-iżvilupp, inkluż għal tkabbir inklussiv u sostenibbli. Skont il-Qafas Operattiv dwar l-Effettività tal-Għajjnuna¹², l-UE se taħdem mal-pajjiżi sħab u donaturi oħrajn fuq strateġiji komprensivi rigward ir-**responsabbiltà domestika u reċiproka u t-trasparenza**, inkluż permezz tal-bini ta' kapaċità statistika.

It-trasparenza hija l-qofol ta' għajjnuna effettiva u responsabbli. Il-Kummissjoni, li adottat l-istandard tal-Inizjattiva Internazzjonali tat-Trasparenza tal-Għajjnuna, diġà hija waħda mill-aktar donaturi trasparenti. Għandha tkompli dan l-isforz, flimkien mal-Istati Membri.

6. KOERENZA MTEJBA FOST IL-POLITIKI TAL-UE.

L-UE hija fuq quddiemnett tal-aġenda għall-**Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp** (PCD) u se tkompli tevalwa l-impatt tal-politiki tagħha fuq l-għanijiet ta' żvilupp. Se ssaħħa id-djalogu tagħha fil-livell tal-pajjiżi dwar il-PCD u se tkompli tippromwovi l-PCD f'fora globali biex tgħin biex jissawwar ambjent li jappoġġa l-isforzi tal-pajjiżi l-aktar foqra.

L-MFF futur għandu jsahha il-PCD. Il-programmi tematiċi huma maħsuba bħala strumenti biex jindirizzaw it-**tħassib globali u se** jipproġettaw il-politiki tal-UE fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u jgħinu wkoll biex jinqered il-faqar.

L-UE trid tintensifika l-**approċċ konġunt tagħha għas-sigurtà u għall-faqar**, u fejn ikun meħtieġ tadatta l-bażijiet u l-proċeduri legali tagħha. L-inizjattivi tal-UE, fil-qasam tal-iżvilupp, tal-politika barranija u tas-sigurtà għandhom ikunu marbuta biex joħolqu approċċ aktar koerenti lejn il-paċi, il-bini tal-istati, it-tnaqqis tal-faqar u l-kawżi sottostanti ta' kunflitti. L-UE għandha l-għan li tiżgura **tranżizzjoni bla xkiel mill-għajjnuna umanitarja u mir-reazzjoni għall-kriżijiet lejn il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għat-tul**.

F'termini tar-**rabta żvilupp-migrazzjoni**, l-UE għandha tgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fit-tisħiħ tal-politiki, tal-kapaċitajiet u tal-attivitajiet tagħhom fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-mobbiltà, bil-għan li timmassimizza l-impatt tal-iżvilupp taż-żieda tal-mobbiltà reġjonali u globali tan-nies.

7. TĦADDIN TAL-AĠENDA GĦALL-BIDLA

Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Kunsill biex japprova l-Aġenda għall-Bidla proposta li tfittex li:

- tipprovdi lill-UE b'politika u prattika tal-iżvilupp ta' impatt qawwi għall-għaxar snin li ġejjin u tagħtiha rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' aġenda ta' żvilupp internazzjonali komprensiva sa u lil hinn mill-2015;

¹¹ 9558/07.

¹² 18239/10.

- tgħin għall-bidla meħtieġa fil-pajjiżi sħab biex ikun hemm **progress aktar mgħaġġel lejn it-tnaqqis tal-faqar u l-MDGs.**

Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE se jiżguraw li l-prinċipji gwida stipulati f'din il-Komunikazzjoni huma riflessi progressivament matul il-bqija ta' taċ-ċiklu ta' programmar ta' bħalissa u fid-dokumenti ta' pprogrammar futuri, kif ukoll fil-proposti rigward l-arkitettura, il-leġislazzjoni u l-ipprogrammar tal-istrumenti finanzjarji futuri għal azzjoni esterna.

L-Istati Membri huma mħeġġa biex jimplimentaw ukoll l-Aġenda.